**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2017**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 1045/2016**

**GasanZammit Motors Limited**

**vs**

**Mosta Auto Dealers Ltd u Carmel sive Charles Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-14 ta' Novembru, 2016 li jghid hekk:

1. Permezz ta' rizoluzzjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija rikorrenti (kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala Dok. "GZML1"), Stefan Deguara 300979M ghandu s-setgha biex jirraprezenta l-kumpannija rikorrenti f'dawn il-proceduri.

2. Permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Lulju 2015, is-socjeta intimata ddikjarat lilha nfisha debitrici certa, vera u likwida fil-konfront tas-socjeta rikorrenti u dan fl-ammont ta' €488,349.29 (kopja tal-kuntratt hija annessa u mmarkata Dok. "GZML2").

3. Skond l-imsemmi kuntratt, kienet giet maqbula skaletta ta' pagamenti sakemm jigi saldat id-dejn.

4. Fis-27 ta' Lulju 2015, u kontestwalment mal-fuq imsemmi kuntratt, Carmel sive Charles Pace (398852M), direttur u l-azzjonist principali tal-kumpannija ntimata, iffirma numru ta' kambjali f'ismu personali u f'isem Mosta Auto Dealers Ltd li b'kollox jammontaw ghal euro €488,349.29 u dan bhala garanzija ghad-dejn dikjarat dovut fil-kuntratt (kopja tal-kambjali hija annessa u mmarkata Dok. "GZML3").

5. Ghalkemm saru xi hlasijiet u gew onorati xi whud mill-kambjali, dawn ma baqghux isiru skond il-ftehim. Ghalavolja s-socjeta rikorrenti ghamlet diversi tentattivi sabiex

jintlahaq xi forma ta' ftehim fejn il-hlasijiet dovuti jigu rispettati izda dan kien kollu ta' xejn.

6. Illum il-gurnata, is-socjeta rikorrenti hija debitrici tas-socjeta intimata fl-ammont ta' €397,091.77 (u dan kif jidher mill-kopja tal-istatement of account hawn annessa u mmarkata Dok. "GZML4"). Minn dan l-ammont, is-somma ta' €80,689.40 qed tigi mhallsa permezz ta' pagamenti li qed isiru wara li s-socjeta intimata qablet li tassenja r-rikavat ta' xi kambjali dovuti lilha, lis-socjeta rikorrenti.

7. Jibqa' ghaldaqstant is-somma ta' €316,402.37 dovuta u li dwarha l-ebda mill-intimati ma jistghu jipprovdu l-ebda rassikurazzjoni ta' hlas. Dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix f'ezekuzzjoni ta' fatt.

8. Fis-7 ta' Settembru, il-kumpannija rikorrenti ntavolat mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju nru. 1300/2016NC (ara vera kopja tal-mandat imsemmi hawn anness u mmarkat Dok "GZML5" li sussegwentement gie milqugh permezz tad-digriet kamerali moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2016, u fejn l-Onor. Qorti sabet illi jezistu r-rekwiziti kollha biex tilqa' t-talba tal-kumpannija rikorrenti (kopja tad-digriet hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "GZML6").

9. Fil-fehma tal-kumpannija rikorrenti, il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'iressqu ghal din it-talba.

10. Jghidu ghalhekk l-intimati Mosta Auto Dealers Ltd u Charles Pace ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

i. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta rikorrenti b'dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara lil Mosta Auto Dealers Ltd (C3923) u Charles Pace, debituri favur GasanZammit Motors Limited ghas-somma ta' €316,402.37 u dan oltre imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv; u

iii. Tikkundanna lil Mosta Auto Dealers Ltd (C3923) u Charles Pace, solidalment ihallsu lil-kumpannija rikorrenti s-somma ta' €316,402.37 u dan oltre imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1300/2016NC kontra Mosta Auto Dealers Ltd (C3923) u Charles Pace li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

Illi dina ir-risposta qeghda tigi intavolata wara li l-esponenti gew awtorizzati minn dina l-Onorabbli Qorti;

IIli primarjament l-ammont kif indikat huwa eccessiv stante illi diga saru pagamenti ghas-saldu tal-ammont dovut;

IIIi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ghadda ammont ta' kambjali dovuti minn terzi sabiex jingabru mir-rikorrenti hekk kif ser jigi pprezentat fil-mori tal-kawza;

IIIi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jitolbu li ssir verifika tal-pagamenti kollha li saru sabiex jigi accertat l-ammont verament dovut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat l-atti u nota ta' riduzzjoni tas-socjeta attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti f'din il-kawza huma cari. Is-socjeta attrici qed tallega li ghandha kreditu naxxenti minn kuntratt bejnha u s-socjeta konvenuta tas-27 ta' Lulju 2015 fis-somma ta' €488,349.29. Il-konvenut Carmel Pace kontestwalment mal-imsemmi kuntratt iffirma kambjali ghall-istess dejn mhux in aggunta imma qua garanzija ghad-dejn dovut mill-kumpanija konvenuta. Dan jirrizulta mid-dokumenti esebiti Dok GZML2 u GZML3.

Is-socjeta attrici issostni li saru pagamenti permezz tal-kambjali pero wara li tnaqqsu l-ammonti mhallsa kif jidher mid-dokument GZML4 li jgibu bilanc ta' €392,091.77 kif ukoll is-somma ta' €80,689.40 li s-socjeta attrici accettat unilateralment u volontarjament li tigbor minn krediti dovuti lil konvenuti jibqa' bilanc ta' €316,402.37 li llum rega' naqas b'€2,000 wara li sar hlas iehor fil-mori tal-proceduri.

Is-socjeta attrici tikkontendi li l-konvenuti naqsu li jhallsu dak dovut kif miftiehem u ghalhekk qed jintalab il-hlas tal-bilanc kollu dovut a bazi tal-artikolu 4.1. tal-ftehim tas-27 ta' Lulju 2015 li jghid hekk:

> 4.1 Should the Customer be in default of the payment of any installment which falls due according to the Repayment Schedule as set out in Annex 2, or any of his/her commitments and undertaking as per this Agreement, the Customer hereby agrees that the Company shall have the right:
> 4.1.1 to enforce the full payment of any balance of the Outstanding Debt and accrued interest still outstanding, which balance shall be paid by the Customer immediately as a debt certain, liquid and due. The Parties hereby agree that the Company may rescind any pending Bills of Exchange which have not yet become due upon default of payment in terms of this Clause

and the Customer acknowledges that they shall have no right to claim the benefit of time for payment of the balance;

Il-konvenut Charles Pace jaghti tlett eccezzjonijiet ghal din it-talba. L-ewwel eccezzjoni hi li l-ammont hu eccessiv stante li gia saru pagamenti. Din l-eccezzjoni pero ma gietx sostanzjata oltre dik li hemm allegat fl-eccezzjoni. It-tieni eccezzjoni hi li l-konvenuti ghaddew kambjali lis-socjeta attrici biex ir-rikavat taghhom jitnaqqsu mill-ammont dovut lis-socjeta attrici. Hu pacifiku bejn il-partijiet li l-konvenuti ghaddew xi krediti lis-socjeta attrici biex minn dak li jingabar jitnaqqas dak dovut mill-konvenuti lis-socjeta attrici. Il-konvenuti pero jonqsu milli jmeru li l-ammont li s-socjeta attrici qed tirriklama bhala dak konsenjat lilha ghal gbir hu akbar minn dak dikjarat bhala gia pacut mad-debitu. Hu minnu kif jixhed ir-rapprezentant tas-socjeta attrici illi l-konvenuti ghaddew diversi pretensjonijiet ta’ krediti lis-socjeta attrici biex tghinhom jingabru u jekk jingabru, jitnaqqsu mill-kreditu pretiz, pero ma ngiebet ebda prova kontra mill-konvenuti illi dawn il-krediti pretizi minnhom minn terzi fil-fatt gew assenjati lis-socjeta attrici. Assenjazzjoni wara kollox trid li ssir b’kitba bejn il-partijiet u ebda kitba ma geit esebita. Kull ma esebew il-konvenuti hi lista ta’ allegati krediti a fol. 66 u 67 tal-process. It-tielet eccezzjoni hi fis-sens illi trid issir il-verifika tal-pagamenti. Is-socjeta attrici gabet il-prova tal-ammont dovut, imghax dekors u pagamenti li saru kif ukoll l-accettazzjoni li tigbor kreditu dovut lil konvenuti fl-ammont ta’ €80,689.40 li tnaqqas mill-bilanc dovut. Il-konvenuti ma gabu ebda prova kuntrarja ghal dak dikjarat mis-socjeta attrici. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi l-konvenuti, ma ghandhomx difiza valida ghal pretensjoni attrici.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed taghti u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici ghall-ammont ta’ €314,261 kontra l-konvenuti in solidum bejniethom bl-imghax skond il-ligi u bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur